IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2022
COM(2022) 173 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-progress li sar bl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari emendata bid-Direttiva 2014/87/Euratom

{SWD(2022) 107 final}

I. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari[1] kienet pass ewlieni lejn il-kisba ta' qafas ta' sikurezza nukleari legalment vinkolanti fl-Unjoni Ewropea.

Wara l-aċċident nukleari ta' Fukushima tal-2011, *id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom*[2] (id-Direttiva tal-2009, kif emendata fl-2014, minn hawn 'il quddiem tissejjaħ "Direttiva") saħħet il-qafas ġuridiku tal-UE dwar is-sikurezza nukleari b'reazzjoni għal mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew[3]. Hija kkonsolidat id-dispożizzjonijiet eżistenti u introdućiet rekwiżiti ġodda, b'enfasi fuq l-**indipendenza regolatorja** u fuq **objettiv ta' sikurezza nukleari** ta' livell għoli madwar l-UE kollha li għandu l-għan li:

- Isaħħaħ **is-setgħat u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti**[4], pereżempju permezz ta' dispożizzjonijiet dwar riżorsi umani u finanzjarji adegwati jew il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti ta' interess.
- **Jipprevjeni aċċidenti** u, jekk iseħħu aċċidenti, jimmitiga l-konsegwenzi tagħhom u **jevita rilaxxi radjuattivi bikrija u kbar**.

Barra minn hekk, l-emendi jkopru wkoll:

- Iż-żieda fit-**trasparenza** billi tiġi pprovduta informazzjoni pubblika mill-awtoritajiet regolatorji u mil-liċenzjatarji[5] dwar kundizzjonijiet operattivi normali, dwar inċidenti u aċċidenti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi.
- L-għoti ta' opportunitajiet għall-**parteċipazzjoni pubblika** fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-liċenzjar ta' installazzjonijiet nukleari.
- L-implimentazzjoni tal-objettiv tas-sikurezza nukleari permezz tad-**difiża fil-fond** u miżuri għall-promozzjoni u għat-titjib ta' **kultura tas-sikurezza nukleari** effettiva.
- It-twettiq ta' **valutazzjoni inizjali speċifika tal-installazzjoni**, issupplimentata minn **Rieżamijiet Perjodiċi tas-Sikurezza** (PSRs), mill-anqas kull għaxar snin.
- Il-promulgazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi għall-**ġestjoni tal-aċċidenti** u t-**tħejjija u r-rispons f'każ ta' emerġenza fuq il-post** (EP&R).
- L-istabbiliment ta' sistema Ewropea ta' **Rieżamijiet Topiċi bejn il-Pari** (TPR) imwettqa mill-anqas kull sitt snin.

Id-Direttiva rrikjediet li l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni t-tieni u l-aħħar serje ta' rapporti nazzjonali sat-22 ta' Lulju 2020; l-Istati Membri kollha kkonformaw ma' dan l-

---

1 ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18–22. Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari ġiet adottata skont il-Kapitolu 3 "Saħħa u Sikurezza" tat-Trattat Euratom, bil-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jinħolqu mir-radjazzjoni jonizzanti.

2 Id-Direttiva tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari, ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42–52.

3 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (l-24/il-25 ta' Marzu 2011), EUCO 10 1/11.

4 Imsejħa "awtoritajiet regolatorji" jew "regolaturi" fir-rapport.

5 Fir-rapport imsejħa bħala "liċenzjatarji".

obbligu sa tmiem l-2020[6]. It-tieni rapport ta' progress lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew huwa adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva.

Dan it-tieni rapport ta' progress[7], aktar minn għaxar snin wara l-aċċident nukleari ta' Fukushima, jirrikonoxxi l-avvanzi li saru mill-Istati Membri bl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Fl-istess ħin, huwa jidentifika oqsma fejn il-bidla gradwali fil-qafas u l-prattika regolatorji, prevista mid-Direttiva, għadha ma twettqitx bis-sħiħ. Huwa mixtieq aktar titjib f'dawn l-oqsma u f'dan ir-rigward ir-rapport attwali jippreżenta għadd ta' osservazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri (it-Taqsimiet II u III dwar il-governanza tas-sikurezza nukleari u s-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari, rispettivament), li jirriżultaw mill-prattiki tajbin u mill-isfidi identifikati fl-evalwazzjoni u li jikkorrispondu għall-oqsma tematiċi tad-Direttiva[8], b'kunsiderazzjoni xierqa tal-ispeċifiċitajiet nazzjonali[9]. Filwaqt li jqis dawn l-osservazzjonijiet, ir-rapport jagħmel rakkomandazzjonijiet ewlenin speċifiċi (it-Taqsima IV dwar il-konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem) fejn hemm lok għal azzjoni futura fil-livell tal-UE sabiex is-sikurezza nukleari fl-UE tittejjeb kontinwament.

Ir-rapport jiddependi primarjament fuq il-valutazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rapporti nazzjonali tal-2020. Madankollu, sabiex tiġi żgurata stampa wiesgħa tas-sikurezza nukleari fl-UE, ir-rapport iqis ukoll sorsi addizzjonali, b'mod partikolari l-miżuri nazzjonali meħuda mill-Istati Membri sabiex jittrasponu d-Direttiva; l-eżiti tal-valutazzjonijiet komprensivi tar-riskju u tas-sikurezza ("Testijiet tal-Istress tal-UE") tal-impjanti tal-enerġija nukleari (NPPs) fl-UE[10] u tal-ewwel TPR[11]; is-sejbiet tar-rieżamijiet bejn il-pari internazzjonali; kwistjonijiet imqajma miċ-ċittadini tal-UE u minn istituzzjonijiet oħrajn tal-UE permezz ta' lmenti, petizzjonijiet u mistoqsijiet; is-sejbiet tal-istudji kkummissjonati.

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jakkumpanja u jappoġġa r-rapport. Huwa jispeċifika f'aktar dettall il-valutazzjonijiet tematiċi tal-approċċi nazzjonali mwettqa (u sintetizzati fir-Rapport) u jagħti ħarsa ġenerali lejn it-tipi ta' installazzjonijiet nukleari, kif irrapportat mill-Istati Membri.

II. GOVERNANZA TAS-SIKUREZZA NUKLEARI (l-Artikoli 4, 5, 7 u 8 tad-Direttiva)

2.1. QAFAS LEĠIŻLATTIV, REGOLATORJU U ORGANIZZAZZJONALI (l-Artikolu 4)

---

6 https://ec.europa.eu/energy/topics/nuclear-energy/nuclear-safety_mt

7 L-ewwel rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-2009 inħareġ fl-2015 (COM/2015/0573 final).

8 In-numerazzjoni tal-artikoli mill-verżjoni konsolidata tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari (id-Direttiva tal-2009 kif modifikata fl-2014) tintuża fir-rapport kollu.

9 Fir-rigward tal-Istati Membri mingħajr installazzjonijiet nukleari, meta jitqies li l-obbligi tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikoli 6, 8a, 8b, 8c u 8d tad-Direttiva ma japplikawx għalihom, l-informazzjoni dwar l-artikoli ta' hawn fuq, jekk tkun inkluża b'mod volontarju fir-rapporti tagħhom, ma kinitx riflessa fl-evalwazzjoni ġenerali.

10 http://www.ensreg.eu/EU-Stress-Tests

11 https://www.ensreg.eu/eu-topical-peer-reviews

L-Istati Membri kollha għandhom fis-seħħ **oqfsa nazzjonali** sabiex iwettqu l-attivitajiet koperti mid-Direttiva, li l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħhom ivarja b'mod sinifikanti skont il-profili nukleari nazzjonali.

Rieżami tal-**allokazzjoni tar-responsabbiltajiet** jiżvela li filwaqt li awtorità regolatorja waħda tiffoka l-kompetenzi tas-sikurezza nukleari fil-maġġoranza tal-Istati Membri, f'xi oħrajn il-kompetenzi regolatorji ewlenin (it-tfassil tar-regoli, il-liċenzjar, il-valutazzjoni, l-ispezzjoni u l-infurzar) huma kondiviżi minn aktar minn entità waħda. Barra minn hekk, ir-regolaturi jaħdmu f'**koordinazzjoni** mal-ministeri u ma' awtoritajiet oħrajn, u jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet reġjonali jew lokali. Madankollu, l-allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet tas-sikurezza nukleari bejn il-korpi nazzjonali differenti ma hijiex kompletament evidenti f'xi rapporti nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom **rekwiżiti nazzjonali tas-sikurezza nukleari**, awtonomi jew marbuta mad-dispożizzjonijiet dwar ir-radjuprotezzjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn ir-rekwiżiti huma inkorporati f'atti legalment vinkolanti, filwaqt li strumenti mhux legalment vinkolanti sussegwenti (eż. rakkomandazzjonijiet, linji gwida) normalment ikollhom rwol fl-għoti ta' dettalji addizzjonali u gwida dwar l-implimentazzjoni. Ġeneralment, dawn ir-rekwiżiti jindirizzaw l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjonijiet nukleari kif meħtieġ mid-Direttiva.

L-Istati Membri kollha għandhom **sistemi ta' liċenzjar** fis-seħħ, u t-tħaddim ta' installazzjonijiet nukleari mingħajr liċenzja huwa pprojbit. Il-proċessi ta' liċenzjar ivarjaw bejn il-pajjiżi, bid-differenzi ewlenin jikkonċernaw ir-rwol tal-awtorità regolatorja, it-tipi ta' dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni u l-istadji taċ-ċiklu tal-ħajja koperti mil-liċenzja/i. Il-proċeduri għall-modifiki u għat-tiġdid tal-liċenzji huma deskritti wkoll.

L-Istati Membri għandhom sistemi ta' **kontroll regolatorju**, imwettaq mill-awtoritajiet regolatorji fuq bażi kontinwa, appoġġati minn proċeduri, strateġiji, pjanijiet, u arranġamenti ta' segwitu. Dan il-monitoraġġ huwa appoġġat minn mekkaniżmi ta' **infurzar** li jindirizzaw ksur identifikat. Minbarra r-regolaturi, jistgħu jkunu involuti korpi oħrajn tal-infurzar tal-liġi. Fir-rigward tas-sanzjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jsegwu approċċ gradat, li jvarja mill-ħruġ ta' twissija għas-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenzja jew saħansitra multi jew sanzjonijiet kriminali, skont is-severità tal-ksur.

<u>Osservazzjonijiet</u>

- *Meta jkunu involuti diversi awtoritajiet fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tar-rekwiżiti tad-Direttiva, allokazzjoni ċara, simplifikata u dokumentata tajjeb tar-responsabbiltajiet ittejjeb iċ-ċarezza dwar kif il-kompiti jinqasmu sabiex tiġi evitata kwalunkwe ommissjoni jew duplikazzjoni mhux xierqa.*
- *Filwaqt li ma hijiex espliċitament meħtieġa mid-Direttiva, kollaborazzjoni msaħħa fost l-awtoritajiet regolatorji dwar il-prattiki tal-liċenzjar tista' ġġib benefiċċji lil kulħadd billi tidentifika l-karatteristiċi komuni potenzjali sabiex jiġu promossi l-konsistenza u l-aħjar użu tar-riżorsi.*

2.2. <u>AWTORITÀ REGOLATORJA KOMPETENTI</u> (l-Artikolu 5)

Awtorità regolatorja b'saħħitha b'indipendenza effettiva minn influwenza indebita fit-teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji hija rekwiżit fundamentali għall-kisba ta' livell għoli ta' sikurezza nukleari. Id-Direttiva tirrikjedi li l-indipendenza regolatorja tiġi żgurata permezz tas-

separazzjoni funzjonali, in-nuqqas ta' struzzjonijiet esterni, deċiżjonijiet robusti u trasparenti, riżorsi finanzjarji u umani xierqa, u l-evitar ta' kunflitti ta' interess.

L-**istatus u l-istruttura legali** tal-awtoritajiet regolatorji jvarjaw fost l-Istati Membri, bi tliet skemi organizzattivi ewlenin identifikati, jiġifieri regolaturi bħala awtoritajiet indipendenti b'personalità ġuridika u b'mezzi ta' rapportar lill-Gvern/lill-President/lill-Prim Ministru; regolaturi bħala awtoritajiet indipendenti taħt superviżjoni minn Ministeru mhux ikkonċernat mill-promozzjoni jew l-użu tal-enerġija nukleari; u regolaturi bħala partijiet integrali ta' Ministeru li ma huwiex ikkonċernat mill-promozzjoni jew l-użu tal-enerġija nukleari, b'mandat preċiż u b'responsabbiltajiet distinti. Minn dan ta' hawn fuq jirriżulta li dawk l-Istati Membri li għażlu l-ewwel skema raw il-benefiċċji mhux biss tas-**separazzjoni funzjonali**, iżda wkoll tas-separazzjoni legali minn kwalunkwe struttura oħra tal-gvern.

In-**nuqqas ta' struzzjonijiet** jirriżulta minn projbizzjonijiet espliċiti f'dan is-sens jew, impliċitament, mill-arkitettura regolatorja ġenerali.

Id-**deċiżjonijiet regolatorji** huma bbażati fuq dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza nukleari li jinkorporaw rekwiżiti internazzjonali u Ewropej, kif ukoll tagħlimiet mill-esperjenza operattiva. It-trasparenza tiġi żgurata permezz ta' firxa wiesgħa ta' għodod ta' komunikazzjoni, bħal siti web; rapporti tal-attività annwali; pubblikazzjonijiet ta' dokumenti relatati mas-sikurezza, bħal deċiżjonijiet regolatorji u rapporti ta' spezzjoni; il-media soċjali; stqarrijiet għall-istampa; laqgħat mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet lokali, u konsultazzjonijiet pubbliċi.

Fir-rigward tar-**riżorsi finanzjarji** tar-regolaturi, huma identifikati żewġ mudelli ewlenin ta' finanzjament, li jiddependu jew fuq il-baġit tal-Istat jew fuq kombinament ta' fondi baġitarji u l-irkupru ta' kostijiet imġarrba mill-operaturi. L-involviment tar-regolaturi jseħħ, prinċipalment, matul il-fażi tal-ippjanar tal-ħtiġijiet u fl-implimentazzjoni awtonoma tal-fondi allokati. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jibbażaw fuq il-proċeduri baġitarji nazzjonali ġenerali. Xi drabi jiġu speċifikati l-possibbiltajiet li jintalbu riżorsi addizzjonali jew klawżoli ta' flessibbiltà. F'xi każijiet tiġi rrapportata t-trasparenza dwar in-nefqa tal-baġit, permezz tal-pubblikazzjoni ta' rapporti annwali jew konklużjonijiet tal-awditjar. Madankollu, ftit Stati Membri biss jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrikjedu li r-riżorsi finanzjarji allokati jkunu xierqa sabiex jiġu ssodisfati d-dmirijiet regolatorji. Għalhekk hemm bżonn ta' segwitu ulterjuri dwar din il-kwistjoni sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Fir-rigward tar-**riżorsi umani** tar-regolaturi, ir-regolaturi ġeneralment għandhom rwol ewlieni fl-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom stess u, jekk ikun meħtieġ, fit-talbiet għal riżorsi addizzjonali. Fir-rigward tal-kwalifiki tal-persunal, jistgħu jiġu identifikati diversi xejriet komuni, bħall-kundizzjonijiet tal-edukazzjoni u tal-għarfien espert mar-reklutaġġ, it-taħriġ inizjali għal min ikun għadu ġdid, u t-taħriġ kontinwu permezz ta' taħlita ta' sorsi interni u esterni. Is-soltu, jintuża għarfien espert estern bħala appoġġ għad-deċiżjonijiet regolatorji. Diversi Stati Membri jenfasizzaw id-diffikultajiet sabiex jattiraw u jżommu persunal suffiċjenti u/jew ikkwalifikat. B'mod simili għar-riżorsi finanzjarji, ir-rekwiżiti li r-regolaturi għandu jkollhom numru suffiċjenti ta' persunal, ikkwalifikat u mħarreġ b'mod adegwat, jistgħu jiġu speċifikati aħjar f'xi Stati Membri u għalhekk l-implimentazzjoni tagħhom tirrikjedi segwitu ulterjuri. Il-promozzjoni ta' attraenza akbar tal-kundizzjonijiet tal-impjieg fl-awtoritajiet regolatorji tista' ttejjeb is-sitwazzjoni fir-reklutaġġ u ż-żamma ta' persunal bi kwalifiki u għarfien espert adegwati.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri għandhom regoli dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' **kunflitti ta' interess** inklużi fil-miżuri ta' qafas ġenerali għall-impjegati taċ-ċivil kollha. Għalkemm ħafna Stati Membri adottaw rekwiżiti aktar speċifiċi applikabbli għall-awtoritajiet regolatorji, il-forza legali u l-livell ta' dettall ta' dawn ir-rekwiżiti jvarjaw. B'mod partikolari, is-sitwazzjonijiet tar-rotazzjoni tal-persunal b'responsabbiltà eżekuttiva bejn l-industrija nukleari u r-regolaturi, u l-użu ta' għarfien espert estern spiss ma jiġux indirizzati speċifikament mir-regoli dedikati.

It-tixrid ta' **informazzjoni** relatata mas-sikurezza nukleari mill-awtoritajiet regolatorji mingħajr approvazzjoni minn korpi oħrajn huwa espliċitament spjegat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew jista' jiġi dedott mill-istruttura istituzzjonali.

Fir-rigward tal-**kompiti regolatorji** ewlenin tagħhom, ir-regolaturi huma involuti, sa punti differenti, fil-formulazzjoni tar-rekwiżiti nazzjonali tas-sikurezza nukleari, skont l-arkitettura tas-sistema legali nazzjonali. Ir-regolaturi huma responsabbli għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti fil-prattika billi jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jwettqu valutazzjonijiet regolatorji u jieħdu azzjonijiet ta' infurzar.

<u>Osservazzjonijiet</u>

- *L-awtoritajiet regolatorji bħala entitajiet legali awtonomi, legalment separati minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor, fejn għadu ma kienx il-każ, ikunu jirrappreżentaw pass ieħor fit-tisħiħ tal-indipendenza regolatorja.*
- *Dispożizzjonijiet legali speċifiċi li jirrikjedu li riżorsi finanzjarji u umani adegwati u ddedikati (għal dawn tal-aħħar, kemm f'termini ta' numri kif ukoll ta' kwalifiki) ikunu disponibbli għar-regolaturi, appoġġati minn mekkaniżmi, kriterji u proċeduri effettivi, itejbu l-kapaċitajiet regolatorji tagħhom. Tali miżuri jistgħu jissaħħu ulterjorment permezz ta' mekkaniżmi ta' flessibbiltà li jippermettu lir-regolaturi jirċievu riżorsi addizzjonali f'każijiet ta' ammont ta' xogħol supplimentari jew minħabba ċirkostanzi mhux previsti, bħal reazzjonijiet għal avvenimenti ta' sikurezza nukleari jew għal emerġenzi mhux nukleari.*
- *Rekwiżiti legali ċari li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet, il-proċeduri u r-raġunijiet għall-ħatra, għas-sospensjoni u għat-tkeċċija ta' persuni b'responsabbiltà eżekuttiva fi ħdan ir-regolaturi jtejbu t-trasparenza u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji.*

  Il-ħatra ta' persuni b'responsabbiltà eżekuttiva mir-regolaturi, bħala rappreżentanti fl-entitajiet ta' ġestjoni jew superviżorji tal-liċenzjatarji tista' tiġi kkunsidrata mill-ġdid; jekk dawn l-approċċi jinżammu, jibbenefikaw minn sett iddedikat ta' regoli li jkopru l-kunflitti ta' interess.
- *Regoli u proċeduri speċifiċi dwar il-kunflitt ta' interess, imfassla għall-awtoritajiet regolatorji, bħall-indirizzar tar-rotazzjoni tal-persunal b'responsabbiltà eżekuttiva bejn l-industrija nukleari u r-regolaturi (iż-żewġ direzzjonijiet), u l-użu ta' għarfien espert estern, jgħinu sabiex jissaħħu l-awtonomija u r-responsabbiltà tar-regolaturi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.*

2.3. <u>GĦARFIEN ESPERT U ĦILIET FIS-SIKUREZZA NUKLEARI</u> (l-Artikolu 7)

L-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti dwar **l-edukazzjoni u t-taħriġ** prinċipalment għall-awtoritajiet regolatorji u għal-liċenzjatarji (inklużi l-kuntratturi u s-sottokuntratturi) permezz ta' programmi ta' taħriġ interni, nazzjonali u internazzjonali; dan jinkludi s-suġġett tal-EP&R fuq il-post. Numru ta' Stati Membri jenfasizzaw l-isfida tat-tixjiħ u tal-irtirar tal-forza tax-

xogħol nukleari attwali u d-diffikultajiet għar-reklutaġġ ta' persunal ġdid; qegħdin jinstabu soluzzjonijiet sabiex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni, inklużi sħubijiet pubbliċi-privati u l-iżvilupp ta' kurrikuli universitarji.

Osservazzjoni

- *Fil-kuntest tal-forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ fil-qasam nukleari, l-implimentazzjoni ta' ppjanar sistematiku fit-tul tar-riżorsi umani, xprunat minn evalwazzjoni tal-ħtiġijiet attwali u futuri tal-programm nukleari, appoġġat minn attivitajiet sabiex jinżamm u jiġi attirat talent ġdid, kif ukoll sħubijiet ta' edukazzjoni u taħriġ, tikkontribwixxi għall-preservazzjoni u t-trasferiment ta' għarfien relatat mas-sikurezza nukleari.*

2.4. <u>TRASPARENZA</u> (l-Artikolu 8)

Fil-bidċa l-kbira tal-każijiet, l-Istati Membri ppromulgaw dispożizzjonijiet legali speċifiċi, li jippermettu lill-awtoritajiet regolatorji u lil-liċenzjatarji jxerrdu **informazzjoni relatata mas-sikurezza nukleari**, b'mod komplementari għal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar id-dritt ta' aċċess liberu għall-informazzjoni.

Iż-żewġ atturi jużaw firxa wiesgħa ta' metodi sabiex ixerrdu l-informazzjoni, kemm f'**kundizzjonijiet normali ta' tħaddim**, kif ukoll f'każ ta' **inċidenti jew aċċidenti**, bl-użu ta' arranġamenti nazzjonali, ikkumplimentati minn ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali, reġjonali u bilaterali.

Xi awtoritajiet regolatorji jinvolvu ruħhom f'**kooperazzjoni regolatorja** msaħħa, bħal eżerċizzji transfruntieri, spezzjonijiet konġunti, skambji ta' persunal, parteċipazzjoni reċiproka ta' esperti f'eżerċizzji nazzjonali ta' ppjanar ta' emerġenza, attivitajiet ta' taħriġ komuni.

L-Istati Membri kollha b'installazzjonijiet nukleari għandhom proċeduri fis-seħħ sabiex **jikkonsultaw lill-pubbliku matul il-fażijiet ewlenin tal-liċenzjar**, b'mod partikolari għall-għażla tas-sit, il-kostruzzjoni u d-dekummissjonar. Madankollu, dawn il-konsultazzjonijiet ġeneralment jitwettqu fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE dwar il-Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali[12] jew it-trattati "ambjentali" internazzjonali, bħall-konvenzjonijiet ta' Espoo[13] u ta' Aarhus[14]. Din is-sitwazzjoni tista' twassal għal nuqqas ta' ċertezza dwar jekk humiex koperti l-aspetti kollha sinifikanti għas-sikurezza. Numru żgħir ta' Stati Membri jwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi speċifiċi relatati mas-sikurezza nukleari, inkluż fir-rigward ta' bidliet operazzjonali ewlenin jew deċiżjonijiet ta' operazzjoni fit-tul (LTO).

L-Istati Membri żviluppaw diversi modalitajiet ta' konsultazzjoni, pereżempju, avviżi fl-istampa li jistiednu tweġibiet fi skadenzi ċari, sommarji mhux tekniċi, seduti pubbliċi, gruppi ta' esperti indipendenti, organizzazzjonijiet iddedikati sabiex jipprovdu informazzjoni lill-pubbliku u rapporti dwar kif tqiesu l-kummenti tal-pubbliku.

<u>Osservazzjonijiet</u>

- *Il-kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet regolatorji b'mod partikolari tal-pajjiżi ġirien, billi, fost l-oħrajn, jiġu organizzati eżerċizzji konġunti regolari li jkopru l-iskambju ta' informazzjoni u l-arranġamenti operazzjonali, tkompli tikkontribwixxi għall-konsistenza u għall-koerenza tal-miżuri regolatorji, inkluż fil-każ ta' inċidenti u aċċidenti.*
- *Proċess ta' konsultazzjoni pubblika awtonomu dwar il-liċenzjar ta' installazzjonijiet nukleari mill-perspettiva tas-sikurezza nukleari jsaħħaħ l-effettività tal-parteċipazzjoni pubblika fi kwistjonijiet ta' sikurezza nukleari.*

[12] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata.

[13] Il-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali.

[14] Il-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali.

III. IS-SIKUREZZA TAL-INSTALLAZZJONIJIET NUKLEARI (l-Artikoli 6, 8a sa 8e tad-Direttiva)

3.1. LIĊENZJATARJI (l-Artikolu 6)

Filwaqt li l-Istati Membri kollha b'installazzjonijiet nukleari jikkonfermaw li l-oqfsa nazzjonali tagħhom jassenjaw ir-**responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza nukleari** lil-liċenzjatarju, huwa pprovdut anqas dettall fir-rigward tar-responsabbiltà tal-liċenzjatarji għall-attivitajiet ta' **kuntratturi u ta' sottokuntratturi**, li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jaffettwaw is-sikurezza nukleari ta' installazzjoni nukleari.

L-Istati Membri b'installazzjonijiet nukleari għandhom diversi proċessi fis-seħħ għal-liċenzjatarji sabiex **jivvalutaw u jtejbu b'mod regolari s-sikurezza**, pereżempju permezz ta' spezzjoni u manutenzjoni sistematiċi ta' tagħmir relatat mas-sikurezza, l-implimentazzjoni ta' PSRs ta' għaxar snin, evalwazzjoni sistematika ta' avvenimenti, feedback dwar l-esperjenza operazzjonali, rieżami regolatorju, u monitoraġġ tal-konformità. L-applikazzjoni tal-prinċipji tad-difiża fil-fond hija parti integrali mid-dimostrazzjoni tas-sikurezza. L-implimentazzjoni tal-livelli ta' referenza tal-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent (WENRA), ir-riżultati mir-rieżamijiet bejn il-pari Ewropej (it-Testijiet tal-Istress tal-UE u t-TPRs), ir-rieżamijiet bejn il-pari internazzjonali (eż l-Assoċjazzjoni Dinjija ta' Operaturi Nukleari (WANO), l-Aspetti tas-Sikurezza tal-Operat fit-Tul (SALTO)) huma msemmija wkoll f'xi wħud mir-rapporti.

Diversi Stati Membri jistabbilixxu gwidi jew struzzjonijiet regolatorji indirizzati lil-liċenzjatarji li jkopru suġġetti assoċjati bħall-verifika tal-kundizzjonijiet tal-impjanti, il-ġestjoni tat-tixjiħ tal-komponenti, il-PSRs, il-valutazzjonijiet tas-sikurezza probabilistiċi u deterministiċi, il-Kundizzjonijiet tal-Estensjoni tad-Disinn, l-evalwazzjoni tal-perikli interni u esterni, kif ukoll ir-riskji ta' ħsara fil-qalba nukleari u r-rilaxx ta' sustanzi radjuattivi. Madankollu, jeżistu differenzi metodoloġiċi.

Fir-rigward tar-**riżorsi finanzjarji u umani** tal-liċenzjatarji, il-miżuri adottati mill-Istati Membri huma varji u jinkludu kontrolli fuq il-vijabbiltà finanzjarja tal-liċenzjatarji, qabel l-għoti ta' liċenzja u fuq bażi regolari; id-definizzjoni ta' funzjonijiet kritiċi għas-sikurezza u l-livell ta' edukazzjoni u taħriġ meħtieġa; il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-liċenzja kemm għar-riżorsi umani kif ukoll għal dawk finanzjarji; ir-rekwiżiti dwar is-sistemi ta' ġestjoni tal-liċenzjatarji; ir-rieżami tal-bidliet fil-persunal / organizzazzjonali li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza; ir-rekwiżiti dwar il-kuntratturi. Xi Stati Membri indikaw li jassenjaw riżorsi finanzjarji sabiex ikopru l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja ta' installazzjoni.

Osservazzjonijiet

- *Definizzjoni ċara tar-responsabbiltà tal-liċenzjatarji għall-attivitajiet tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi relatati tipprovdi ċarezza dwar l-akkontabbiltà u r-responsabbiltà għas-sikurezza u ttejjeb l-implimentazzjoni fuq il-post meta jkun involut l-ikkuntrattar.*
- *Il-kondiviżjoni tal-esperjenza fost l-awtoritajiet regolatorji dwar il-prattiki nazzjonali tat-twettiq tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza u l-iżvilupp ta' gwidi u struzzjonijiet regolatorji bbażati fuq prattiki tajbin identifikati tkun ta' benefiċċju.*
- *L-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet regolatorji dwar l-approċċi tagħhom għall-verifika tal-adegwatezza tar-riżorsi finanzjarji tal-liċenzjatarji jgħin sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' valutazzjoni tagħhom dwar dan is-suġġett.*

3.2. L-OBJETTIV TAS-SIKUREZZA NUKLEARI U L-IMPLIMENTAZZJONI TIEGĦU
(l-Artikoli 8a u 8b)

Fid-dawl tal-progress tekniku miksub fil-livell internazzjonali permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) u tal-WENRA, u fir-rispons għat-tagħlimiet meħuda mill-aċċident nukleari ta' Fukushima u mit-Testijiet tal-Istress tal-UE, l-objettiv tas-sikurezza nukleari jirrikjedi li l-installazzjonijiet nukleari jkunu ddisinjati, ippożizzjonati, mibnija, ikkummissjonati, operati u dekummissjonati sabiex **jiġu evitati l-aċċidenti u, jekk iseħħu aċċidenti, sabiex jittaffew il-konsegwenzi tagħhom u jiġu evitati rilaxxi radjuattivi bikrija u kbar**. Dan l-objettiv japplika bis-sħiħ għall-installazzjonijiet nukleari ġodda kollha u għandu jintuża bħala referenza għal dawk eżistenti, permezz tal-implimentazzjoni f'waqtha ta' titjib raġonevolment prattikabbli fis-sikurezza[15]. **Kultura tas-sikurezza nukleari** effettiva kemm tar-regolaturi kif ukoll tal-liċenzjatarji, flimkien mal-applikazzjoni tad-difiża fil-fond, huma fundamentali fl-implimentazzjoni tal-objettiv tas-sikurezza, u b'hekk jinkiseb livell għoli ta' sikurezza nukleari u t-titjib kontinwu tagħha.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri b'installazzjonijiet nukleari adottaw ir-rekwiżiti li jikkorrispondu għall-objettiv tas-sikurezza nukleari f'livell għoli, li jirriflettu l-formulazzjoni tad-Direttiva. Madankollu, l-approċċi ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri jvarjaw, b'xi każijiet fejn l-implimentazzjoni hija appoġġata minn regolamenti u minn gwida regolatorja aktar dettaljati li jistipulaw l-interpretazzjoni kwantitattiva tat-termini jew jiddefinixxu kriterji regolatorji għad-dimostrazzjoni tagħhom. Xi pajjiżi – b'mod partikolari dawk li qegħdin jibnu NPPs ġodda – jindikaw it-traspożizzjoni tagħhom fir-regolamenti nazzjonali tal-objettivi tas-sikurezza għal NPPs ġodda stabbiliti mill-WENRA, li jitolbu b'mod espliċitu l-"eliminazzjoni prattika" ta' aċċidenti b'tidwib nukleari li jwassal għal rilaxxi bikrija jew kbar.

L-approċċi jvarjaw fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-prevenzjoni tal-aċċidenti u l-evitar ta' rilaxxi bikrija u kbar. Filwaqt li xi pajjiżi jiffokaw fuq l-evitar ta' sekwenzi ta' aċċidenti li jwasslu għal rilaxxi bikrija jew kbar, oħrajn jirreferu għall-evitar tar-rilaxxi radjuattivi konsegwenzjali. Oħrajn saħansitra jużaw verżjonijiet ferm aktar bikrija tal-kunċett ta' eliminazzjoni prattika, li primarjament kienu jindirizzaw rilaxxi bikrija kbar. F'termini ta' kwantifikazzjoni, xi Stati Membri jiddefinixxu l-kriterji f'termini tal-limiti tar-rilaxx radjuattiv, filwaqt li oħrajn jirrikjedu analiżi li turi li l-kriterji tar-riskju u l-limiti konsegwenzjali tad-doża radjoloġika jiġu ssodisfati. Minn perspettiva tat-teknika legali, f'xi każijiet, id-dispożizzjonijiet rilevanti li jittrasponu l-objettiv tas-sikurezza nukleari huma inklużi f'numru kbir ta' strumenti differenti, u dan joħloq frammentazzjoni li taffettwa ċ-ċarezza u ċ-ċertezza ta' kif l-objettiv għandu jiġi applikat fil-livell nazzjonali.

Skont ir-rapporti tal-Istati Membri, **il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' reatturi tal-enerġija** li bħalissa qegħdin jiġu liċenzjati għall-kostruzzjoni fl-UE huma ddisinjati b'sett robust ta' karatteristiċi tas-sikurezza sabiex jiġu evitati aċċidenti severi u sabiex jittaffew l-effetti tagħhom u b'hekk jiġu evitati rilaxxi radjuattivi sinifikanti.

Fir-rigward ta' aktar minn 100 **reattur tal-enerġija eżistenti**, l-Istati Membri jindikaw li ġie identifikat u implimentat **titjib raġonevolment prattikabbli fis-sikurezza**, kif meħtieġ mid-

[15] Id-Direttiva tagħmel distinzjoni bejn installazzjonijiet "ġodda" (mifhuma bħala dawk mogħtija liċenzja tal-kostruzzjoni għall-ewwel darba wara l-14 ta' Awwissu 2014) u installazzjonijiet "eżistenti" (mifhuma bħala dawk mogħtija liċenzja tal-kostruzzjoni qabel l-14 ta' Awwissu 2014).

Direttiva[16]. Eżempji ta' miżuri jinkludu l-użu ta' sistemi ta' sikurezza bunkered, rikombinaturi passivi tal-idroġenu, ivventjar ta' konteniment iffiltrat, u proċeduri ta' ġestjoni tal-aċċidenti. L-użu ta' tagħmir fiss u mobbli addizzjonali u miżuri proċedurali abbażi tas-sejbiet tat-Testijiet tal-Istress tal-UE u li jirriżultaw minn PSRs riċenti żiedu r-robustezza tal-installazzjonijiet saħansitra aktar.

Xi Stati Membri jispjegaw li ma huwiex possibbli li jiġu fformulati kriterji komprensivi u mhux ambigwi għad-determinazzjoni ta' titjib raġonevolment prattikabbli fis-sikurezza, u li tali titjib u l-puntwalità tiegħu jridu jiġu evalwati fuq bażi ta' każ b'każ. Ftit Stati Membri biss għażlu li jmorru lil hinn u jiżviluppaw rekwiżiti jew gwida regolatorja aktar dettaljati, li spiss jinkorporaw miri kwantitattivi jew kriterji tad-disinn. Għalhekk, id-differenzi fl-approċċi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tat-titjib fis-sikurezza, u l-iżvilupp ta' approċċi aktar sistematiċi għall-valutazzjoni ta' dak li huwa raġonevolment prattikabbli, jistgħu jkunu s-suġġetti ta' ħidma ulterjuri.

Il-miżuri tad-difiża fil-fond u l-minimizzazzjoni tal-impatti ta' perikli naturali u mhux intenzjonati estremi esterni, jiġu implimentati f'konformità mal-istandards u l-gwida żviluppata mill-IAEA u mill-WENRA, b'kunċett aktar avvanzat li japplika għad-disinni ta' reatturi ġodda.

L-Istati Membri juru impenn sabiex jiżviluppaw, isaħħu u jimmonitorjaw il-**kultura tas-sikurezza**, u b'hekk jirrikonoxxu l-importanza tal-fatturi organizzattivi u umani fis-sikurezza nukleari. Tipikament, ir-rekwiżiti rilevanti huma dettaljati fid-dokumenti proċedurali interni, appoġġati minn għodod prattiċi. Madankollu, fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni, ġew identifikati regoli anqas dettaljati dwar l-awtoritajiet regolatorji peress li, f'xi każijiet, l-informazzjoni pprovduta tirreferi biss għal-liċenzjatarji. Hemm fis-seħħ proċessi ċari għall-esperjenza operattiva interna u esterna sinifikanti għas-sikurezza u għar-rapportar ta' avvenimenti sinifikanti għas-sikurezza, ikkumplimentati minn sorveljanza regolatorja u segwitu. Il-kultura tas-sikurezza hija sostnuta wkoll minn arranġamenti edukattivi u ta' taħriġ.

Progress fl-implimentazzjoni tat-Testijiet tal-Istress tal-UE ta' wara Fukushima

Madwar 11-il sena wara l-aċċident ta' Fukushima, diversi Stati Membri għadhom ma rrapportawx it-tlestija tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom ta' wara Fukushima. Uħud mill-azzjonijiet miftuħa jikkonċernaw titjib sinifikanti fis-sikurezza, eż. ċentru ta' kontroll ta' emerġenza, miżuri addizzjonali ta' tkessiħ, prevenzjoni ta' pressjoni żejda ta' konteniment, provvista tal-enerġija ta' emerġenza, tisħiħ sismiku, faċilità għall-ħżin tal-fjuwil użat. L-Istati Membri kkonċernati rrappurtaw lill-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG) fi tmiem l-2021 dwar il-progress li sar biex jiġu riżolti azzjonijiet pendenti. L-ENSREG se joħroġ rapport dwar l-istatus fl-2022.

<u>Osservazzjonijiet</u>

- *Iż-żieda tal-fehim reċiproku fost l-awtoritajiet regolatorji tal-metodi biex jintwera l-evitar ta' rilaxxi bikrija u kbar billi jiġu kondiviżi l-approċċi nazzjonali differenti, b'mod partikolari billi tiġi skambjata informazzjoni dwar l-approċċi kwantitattivi u kwalitattivi sabiex jintwera l-evitar ta' tali rilaxxi, filwaqt li l-ewwel issir enfasi fuq il-kriterji tal-aċċettazzjoni radjoloġika, tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni konsistenti tal-objettiv tas-sikurezza nukleari.*

[16] Fi ftit każijiet, l-Istati Membri jirrapportaw li ħadu approċċ aktar strett milli meħtieġ mid-Direttiva, billi applikaw bis-sħiħ l-objettiv tas-sikurezza nukleari anke għall-installazzjonijiet eżistenti.

- *L-iskambju ta' esperjenza fost l-awtoritajiet regolatorji dwar is-similaritajiet u d-differenzi tal-analiżijiet każ b'każ għall-applikazzjoni tal-objettiv tas-sikurezza nukleari, b'enfasi fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet għall-identifikazzjoni ta' titjib tas-sikurezza raġonevolment prattikabbli, isaħħaħ il-konsistenza u t-trasparenza fl-approċċi regolatorji. Dawn l-iskambji jistgħu jqisu l-approċċi nazzjonali għall-implimentazzjoni tat-titjib tas-sikurezza b'reazzjoni għas-sejbiet tat-Testijiet tal-Istress tal-UE.*
- *L-iżvilupp u l-formalizzazzjoni ta' sistemi speċifiċi ta' ġestjoni tal-awtoritajiet regolatorji, flimkien mas-sistemi tal-liċenzjatarji, jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kultura tas-sikurezza tar-regolaturi.*

3.3. VALUTAZZJONIJIET INIZJALI U RIEŻAMIJIET PERJODIĊI TAS-SIKUREZZA (l-Artikolu 8c)

Fir-rigward tal-**valutazzjoni inizjali**, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jinformaw dwar l-elementi li jridu jiġu pprovduti fir-rapporti dwar l-analiżijiet tas-sikurezza assoċjati ma' applikazzjoni għal-liċenzja tal-kostruzzjoni jew tat-tħaddim.

Dwar il-**PSRs**, l-Istati Membri kollha b'installazzjonijiet nukleari jirrapportaw li r-rieżamijiet kull għaxar snin jitwettqu b'mod sistematiku, filwaqt li jitqiesu standards ġodda/riveduti, u żviluppi tekniċi u xjentifiċi. Xi Stati Membri jipprovdu eżempji ta' miżuri meħuda fl-NPPs, inkluż it-tisħiħ tad-difiża fil-fond. Għalkemm il-fatturi ta' sikurezza stabbiliti fl-istandards tal-IAEA u l-livelli ta' referenza tal-WENRA spiss jiġu ċċitati, huma pprovduti ftit dettalji dwar il-metodoloġija tal-proċess ta' rieżami, u, b'mod partikolari, dwar kif l-objettiv tas-sikurezza jintuża bħala referenza sabiex jiġi identifikat it-titjib fis-sikurezza, inkluż fil-kuntest tal-LTO. Ftit Stati Membri jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda f'installazzjonijiet oħrajn, bħar-reatturi ta' riċerka.

Osservazzjoni

- *L-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet regolatorji dwar il-prattiki regolatorji li jikkonċernaw l-ambitu u l-metodoloġiji tal-PSRs ta' għaxar snin, u speċifikament dwar kif l-objettiv tas-sikurezza nukleari jitqies b'mod sistematiku, ikun ta' benefiċċju għat-tisħiħ tal-effettività tal-proċessi nazzjonali u għaż-żieda tal-konsistenza bejn l-approċċi nazzjonali.*

3.4. TĦEJJIJA U RISPONS F'KAŻ TA' EMERĠENZA FUQ IL-POST (l-Artikolu 6(e) u 8d)

L-Istati Membri enfasizzaw li l-**proċeduri EP&R fuq il-post**[17] ikopru l-modalitajiet operattivi u l-aċċidenti kollha. Ġew stabbiliti diversi miżuri għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza wara l-aċċident nukleari ta' Fukushima, bħal kapaċitajiet addizzjonali sabiex jiġu indirizzati avvenimenti naturali estremi li jwasslu b'mod partikolari għal blackout tal-istazzjonijiet u/jew għat-telf tat-tkessiħ, protokolli li jorganizzaw assistenza reċiproka bejn unitajiet fl-istess sit jew timijiet ta' reazzjoni rapida. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha jirrapportaw b'mod espliċitu dwar kif jindirizzaw sitwazzjonijiet li jaffettwaw simultanjament diversi unitajiet, li kienet tagħlima ewlenija meħuda mill-aċċident nukleari ta' Fukushima.

[17] Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari tkopri esklussivament arranġamenti fuq il-post, filwaqt li d-Direttiva dwar l-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza (id-Direttiva 2013/59/Euratom) tindirizza kemm l-arranġamenti fuq il-post kif ukoll mhux fuq il-post. F'dan ir-rigward, dan ir-Rapport ikopri biss aspetti fuq il-post u l-konsistenza u l-kontinwità tagħhom b'aspetti mhux fuq il-post fil-livell nazzjonali.

Il-pajjiżi jirrapportaw ukoll li l-pjanijiet ta' emerġenza fuq il-post kif ukoll il-**koordinazzjoni u l-konsistenza tagħhom mal-arranġamenti nazzjonali tal-EP&R mhux fuq il-post** jiġu ttestjati u vverifikati regolarment mill-awtoritajiet rilevanti sabiex jiġu żgurati interfaċċi adegwati, l-adegwatezza tat-tagħmir ta' emerġenza u r-ridondanza tiegħu, il-kompetenza tal-persunal, u l-effettività tar-rispons.

Osservazzjoni

- *L-iżvilupp ulterjuri tal-proċeduri u l-arranġamenti tal-EP&R fuq il-post, filwaqt li jitqiesu s-siti b'diversi unitajiet, iwieġeb għal waħda mit-tagħlimiet meħuda mill-aċċident nukleari ta' Fukushima.*

3.5. EVALWAZZJONIJIET BEJN IL-PARI (l-Artikolu 8e)

Ir-rekwiżit li kull għaxar snin jintalab **rieżami internazzjonali bejn il-pari dwar il-qafas nazzjonali u l-awtorità regolatorja** beda mill-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-2009, jiġifieri t-22 ta' Lulju 2011 u ġie miftiehem li jiġi implimentat permezz tas-Servizz Integrat għall-Analiżi tar-Regolamentazzjoni (IRRS) tal-IAEA, li għalih il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju. Fil-perjodu ta' għaxar snin sat-22 ta' Lulju 2021, l-Istati Membri kollha għandhom, bħala minimu, ikunu wettqu missjoni inizjali tal-IRRS. Sa Marzu 2022, l-Istati Membri kollha ospitaw missjoni inizjali tal-IRRS, għalkemm żewġ Stati Membri pposponew il-missjonijiet inizjali tagħhom tal-IRRS mill-2020 sal-2021 u l-2022 rispettivament, minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, kważi l-Istati Membri kollha – bl-eċċezzjoni ta' tlieta – organizzaw missjonijiet ta' segwitu tal-IRRS, li ġie rrakkomandat li jsiru mhux aktar tard minn erba' snin wara l-missjoni inizjali. Filwaqt li r-rapporti ta' rieżami bejn il-pari jiġu ppubblikati b'mod sistematiku fuq is-sit web tal-IAEA, il-komunikazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni ma sseħħx b'mod konsistenti. It-28 missjoni tal-IRRS imwettqa bejn l-2015 u l-2019 fl-Istati Membri tal-UE rriżultaw f'rakkomandazzjonijiet, f'suġġerimenti u fi prattiki tajbin dwar temi, bħall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet, il-persunal u l-kompetenza tal-korp regolatorju, l-istabbiliment tas-sistema ta' ġestjoni tal-korp regolatorju. Il-missjonijiet ta' segwitu wrew progress tajjeb fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti li juru l-valur tal-approċċ ta' rieżami bejn il-pari fiż-żieda tal-livell ġenerali tas-sikurezza nukleari.

Fir-rigward tat-**TPRs**, l-ENSREG identifika l-ġestjoni tat-tixjiħ tal-NPPs u tar-reatturi ta' riċerka kbar bħala s-suġġett għall-ewwel TPR li sar bejn l-2017 u l-2018. Fl-eżerċizzju ħadu sehem 16-il Stat Membru tal-UE kif ukoll in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Ukrajna; il-pubbliku kellu wkoll opportunitajiet sabiex jipparteċipa. L-ENSREG fassal Pjan ta' Azzjoni[18] li jistabbilixxi s-segwitu meħtieġ, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll minn Stati Membri individwali. Għaldaqstant, l-Istati Membri ppubblikaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tat-TPR tagħhom sa Settembru tal-2019, u aġġornawhom fl-2021, filwaqt li l-progress li sar ġie deskritt fir-rapport ta' sinteżi tal-ENSREG f'Novembru 2021. L-aġġornament li jmiss tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali huwa mistenni fi tmiem l-2023, u dan se jiġi segwit minn rapport ta' sinteżi tal-ENSREG sa Mejju 2024. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tat-TPR indirizzaw il-programmi ta' ġestjoni tat-tixjiħ tal-liċenzjatarji u b'mod aktar speċifiku l-effetti tat-tixjiħ fuq il-kontenituri tal-pressjoni tar-reatturi, il-kejbils elettriċi, il-pajpijiet moħbija u l-istrutturi ta' konteniment magħmula mill-konkrit.

[18] HLG_p(2019-39)_163 ENSREG L-1 Pjan ta' Azzjoni tat-TPR

L-ENSREG għażel il-protezzjoni kontra n-nar f'installazzjonijiet nukleari bħala s-suġġett għat-2 TPR, li għandu jsir bejn l-2023 u l-2024. It-Termini ta' Referenza u l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għandhom jiġu adottati fl-ewwel nofs tal-2022.

Osservazzjonijiet

- *Abbażi tat-tagħlimiet meħuda, it-titjib tal-metodoloġija tal-eżerċizzju tat-TPR billi tissaħħaħ il-konsistenza fl-identifikazzjoni tas-sejbiet tekniċi, u billi jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet ta' sfida sabiex jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet tar-rieżami bejn il-pari, isaħħu l-effettività tal-proċess ta' rieżami bejn il-pari.*
- *Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri mingħajr installazzjonijiet rilevanti fil-proċess tat-TPR hija essenzjali, meta wieħed iqis li s-sikurezza nukleari hija ta' tħassib għall-UE kollha u l-impatt tagħha ma jieqafx fil-fruntieri nazzjonali.*

IV. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-Kummissjoni tikkonkludi li, b'mod ġenerali, hemm livell tajjeb ta' implimentazzjoni tal-obbligi tad-Direttiva għalkemm hemm lok għal titjib, kif deskritt fit-taqsimiet preċedenti ta' dan ir-rapport u miġbur fil-qosor hawn taħt.

Progress tanġibbli

L-Istati Membri saħħew l-arranġamenti leġiżlattivi, organizzattivi u regolatorji tagħhom dwar is-sikurezza nukleari billi saħħew il-governanza tas-sikurezza nukleari, u implimentaw miżuri għall-prevenzjoni u għall-mitigazzjoni tal-aċċidenti fl-installazzjonijiet nukleari tagħhom. L-indipendenza u s-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji ġew rinfurzati. It-trasparenza dwar kwistjonijiet ta' sikurezza nukleari tjiebet, kif rifless fl-arranġamenti ta' informazzjoni u kooperazzjoni tal-Istati Membri.

Il-kostruzzjoni ta' reatturi ġodda fl-UE tibbenefika minn karatteristiċi ta' disinn aktar robusti li għandhom l-għan li jipprevjenu aċċidenti serji u li jtaffu l-effetti tagħhom, filwaqt li l-NPPs eżistenti, li jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-installazzjonijiet nukleari operattivi fl-UE, huma soġġetti għal titjib kontinwu tas-sikurezza kif meħtieġ mid-Direttiva. L-installazzjonijiet nukleari huma soġġetti fil-livell nazzjonali għall-PSRs, bil-għan li tiġi vvalutata, ivverifikata u mtejba s-sikurezza nukleari tul ħajjithom kollha.

L-ewwel TPR, li jiffoka fuq il-ġestjoni tat-tixjiħ tar-reatturi, wera l-benefiċċji tal-kooperazzjoni għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambju ta' prattiki tajbin. Kien hemm ukoll impenn muri mill-Istati Membri li jitolbu evalwazzjonijiet bejn il-pari internazzjonali tal-oqfsa nazzjonali tagħhom.

Sabiex jirrispondu għat-tagħlimiet meħuda mill-aċċident nukleari ta' Fukushima u mill-eżerċizzju tat-Testijiet tal-Istress tal-UE, l-Istati Membri ġeneralment implimentaw titjib sinifikanti fis-sikurezza. Madankollu, madwar għaxar snin wara l-aċċident ta' Fukushima, l-implimentazzjoni ta' xi titjib fis-sikurezza għadha ma tlestietx f'xi Stati Membri; dan it-titjib pendenti għalhekk jenħtieġ li jiġi implimentat bħala kwistjoni ta' prijorità.

L-isfidi quddiemna

Filwaqt li d-Direttiva rriżultat f'titjib fis-sikurezza nukleari fl-Istati Membri, għad hemm lok sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tagħha f'numru ta' oqsma ewlenin, f'konformità mal-osservazzjonijiet ippreżentati fit-Taqsimiet II u III tar-rapport.

B’mod partikolari, in-natura ta’ livell għoli tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tħalli lok għal interpretazzjoni, li jwassal għal approċċi regolatorji differenti fl-identifikazzjoni tat-titjib meħtieġ fis-sikurezza. Is-sikurezza nukleari fl-UE tibbenefika minn applikazzjoni aktar koerenti tal-objettiv tas-sikurezza nukleari abbażi ta’ approċċ aktar sistematiku għall-valutazzjoni ta’ dak li huwa raġonevolment prattikabbli. Il-konsistenza bejn l-approċċi nazzjonali u l-effettività tal-proċessi nazzjonali tista’ tissaħħaħ permezz ta’ implimentazzjoni aktar koerenti tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza u b’mod partikolari l-PSRs, inkluż fil-kuntest tal-LTO.

Hemm ukoll lok għal titjib ulterjuri fl-indipendenza effettiva tal-awtorità regolatorja kompetenti minn influwenza indebita fit-teħid tad-deċiżjonijiet regolatorji tagħha billi tittejjeb l-effettività tal-arranġamenti nazzjonali attwalment fis-seħħ f’numru ta’ oqsma, bħas-separazzjoni funzjonali, ir-riżorsi finanzjarji u umani, u l-kunflitti ta’ interess. Il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet relatata mal-istadji rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjonijiet nukleari tista’ tissaħħaħ, bħalma jista’ jsir bl-introduzzjoni formali ta’ dispożizzjonijiet dwar il-kultura tas-sikurezza fid-dokumentazzjoni tas-sistemi ta’ ġestjoni f’xi awtoritajiet regolatorji. Għandhom isiru wkoll aktar sforzi sabiex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-iżvilupp tal-għarfien espert u l-ħiliet fis-sikurezza nukleari.

<u>Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni futura fil-livell tal-UE</u>

Sabiex jittejbu l-effettività u l-konsistenza tal-approċċi nazzjonali, xi wħud mill-osservazzjonijiet ippreżentati fit-Taqsimiet II u III tar-rapport jistgħu jiġu appoġġati minn azzjoni aktar ikkoordinata u kollaborattiva fil-livell tal-UE bbażata fuq skambju strutturat ta’ fehmiet u esperjenzi.

Għalhekk, qegħdin isiru r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Istati Membri sabiex jaħdmu flimkien fuq l-iżvilupp ta’ approċċi komuni fil-livell tal-UE:

- **It-tisħiħ tal-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji minn influwenza indebita fit-teħid ta’ deċiżjonijiet regolatorju tagħhom billi jelaboraw sett ta’ prinċipji ta’ gwida komuni li fuqhom huma bbażati karatteristiċi essenzjali, bħal:**
    - **is-separazzjoni effettiva minn kwalunkwe korp jew organizzazzjoni oħra kkonċernata mill-promozzjoni jew l-użu tal-enerġija nukleari;**
    - **allokazzjonijiet baġitarji ddedikati u xierqa;**
    - **numru xieraq ta’ persunal bi kwalifiki, esperjenza u għarfien espert, u l-preservazzjoni tal-għarfien;**
    - **il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti ta’ interess.**
- **It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-liċenzjatarji sabiex jeżerċitaw ir-responsabbiltà ewlenija tagħhom għas-sikurezza nukleari billi jiġi elaborat sett ta’ prinċipji ta’ gwida komuni li fuqhom huma bbażati l-karatteristiċi essenzjali, bħal:**
    - **il-preservazzjoni tal-għarfien u l-attirar ta’ persunal kwalifikat;**
    - **l-adegwatezza tar-riżorsi finanzjarji;**
    - **il-ġestjoni tal-attivitajiet tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi.**
- **Il-promozzjoni u t-tisħiħ ta’ kultura effettiva tas-sikurezza nukleari permezz tal-iskambju ta’ informazzjoni dwar il-politiki u l-arranġamenti nazzjonali u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki, b’mod partikolari b’rabta mal-kultura u s-sistemi ta’ ġestjoni tas-sikurezza tar-regolaturi stess.**

- **It-tisħiħ tat-trasparenza permezz tat-tfassil ta' linji gwida dwar il-parteċipazzjoni pubblika effettiva fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-istadji rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjonijiet nukleari, minn perspettiva tas-sikurezza nukleari.**
- **Appoġġ tal-implimentazzjoni tal-objettiv tas-sikurezza nukleari billi:**
    - **l-iżvilupp ta' fehim komuni tal-bażi teknika sottostanti u l-applikazzjoni tagħha fil-prattika, inkluż, b'mod partikolari, approċċi ta' implimentazzjoni għall-evitar ta' rilaxxi radjuattivi "bikrija" u "kbar", u d-determinazzjoni ta' titjib tas-sikurezza raġonevolment prattikabbli għall-installazzjonijiet eżistenti, li qegħdin jiġu identifikati dejjem aktar għal-LTOs.**
    - **it-tisħiħ tal-koerenza fl-implimentazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza, b'mod partikolari l-PSRs, billi tiġi żviluppata gwida dwar l-ambitu u l-metodoloġiji tal-proċess; għandha tindirizza wkoll l-użu sistematiku tal-objettiv tas-sikurezza nukleari bħala referenza.**
- **It-titjib tal-effettività tal-eżerċizzju tat-TPR permezz tat-tisħiħ tal-konsistenza fl-identifikazzjoni tas-sejbiet tekniċi u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet aktar ta' sfida sabiex jirrispondu għall-osservazzjonijiet tar-rieżami bejn il-pari.**

Il-Kummissjoni se tfittex il-fehmiet tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet regolatorji tagħhom, fil-qafas tal-ENSREG, tal-liċenzjatarji, kif ukoll ta' partijiet ikkonċernati oħrajn, inkluża s-soċjetà ċivili sabiex tiddefinixxi l-proċessi u l-iskedi konkreti għall-bidu tal-azzjonijiet fil-livell tal-UE msemmija hawn fuq. Bħala riżultat ta' dan il-proċess ta' konsultazzjoni inizjali, il-Kummissjoni se tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops, konferenzi, laqgħat u studji. Il-Kummissjoni se tqis il-fehmiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dan il-proċess.

Fid-dawl tal-oqsma fejn ġew identifikati aktar azzjonijiet fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw aktar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Dan ikompli jtejjeb il-fehim taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet attwali tas-sikurezza nukleari, jgħin fl-involviment u fil-parteċipazzjoni tal-pubbliku, u jtejjeb il-fiduċja tal-pubbliku fir-responsabbiltajiet u fl-attivitajiet tal-liċenzjatarji u tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza.

F'konformità mal-prinċipji tal-UE għal Regolamentazzjoni Aħjar[19], il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li maż-żmien twettaq evalwazzjoni standard tad-Direttiva sabiex tivvaluta sa liema punt kienet ta' suċċess fl-ilħuq tal-għanijiet tagħha jew jekk hemmx lok għal riforma futura tal-qafas leġiżlattiv sabiex jittejbu l-effettività, ir-rilevanza jew l-applikazzjoni koerenti tiegħu, filwaqt li jitqies ukoll il-progress bl-azzjonijiet proposti f'dan ir-rapport.

[19] Ara fid-dettall "Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni aħjar" tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation-why-and-how/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt